



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Lulju 2025
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0136(NLE)
2024/0150(NLE)

11361/25
ADD 1

LIMITE

TELECOM 239
CYBER 208

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

Dikjarazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

1. Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward ta' atturi privati skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (b), tal-Konvenzjoni
Filwaqt li tfakkar l-obbligu fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (b), tal-Konvenzjoni li jiġu indirizzati r-riskji u l-impatti li jirriżultaw minn attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali mwettqa minn atturi privati, sal-punt mhux kopert fis-subparagrafu (a) ta' dik id-dispożizzjoni, b'mod li jikkonforma mal-objettiv u l-fini tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tiddikjara li se tapplika l-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa VI tal-Konvenzjoni għall-attivitajiet ta' atturi privati li jintroduċu fis-suq, jagħmlu disponibbli u jużaw sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fl-Unjoni Ewropea permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 ("l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali"). Anke dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni jistgħu japplikaw għal dawn l-attivitajiet u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-obbligi tal-Konvenzjoni.

2. Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali skont l-Artikolu 32, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni

F'konformità mal-Artikolu 32, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tiddikjara li, fir-rigward tal-kompetenza tal-Unjoni, il-Konvenzjoni Qafas dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt trid tapplika għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattati tal-UE skont l-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti, *inter alia*, fl-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.